# Epigrammi Allegoriċi (ii)

## 175. IL-ĠAWHRA FALZA

Il-ġawhra falza daħlet ġewwa l-borża
tal-ġawhar tajba mingħajr xejn mistħija;
iżda flok sabet ruħha fil-kuruna,
ġewwa l-landa tal-knis spiċċat mormija.

## 176. IL-QATTUS PULIZIJA

Sid il-ħanut mela' l-ħanut liz-zliezet,
u poġġa qattus għassa pulizija;
il-ġrieden serqu ftit, 'mma l-qattus għassa
seraq il-fjur taz-zliezet bla mistħija.

## 177. IL-ĦMAR POPOLARI

Il-ħmar feraħ bil-kbir għax popolari
sar b'ħafna ġlieġel li dendlulu fuqu;
iżda ma damx ma ttenda bl-isvantaġġi:
kulħadd ried jirkbu, kulħadd ried isuqu.

## 178. IL-LUPU U L-ĠURDIEN

Il-lupu seraq nagħġa, smina, smina,
u ħadha ġewwa għar u nofsha kiel;
ġie ġurdien ċkejken u seraqlu gidma;
il-lupu m'għajrux ftit: "Ħalliel! Ħalliel!"

## 179. L-ILJUNFANT U L-ĦMAR

Jekk tistaqsi lill-ħmar għax l-iljunfant
fidil, intelliġenti, u maħbub sar
mill-bniedem fl-erba' parti ta' did-dinja,
huwa jgħidlek malajr: "Għax widnejh kbar."

## 180. IL-BALLUTA

Kemm jisogħbija, qalet il-balluta,
li tal-mannara mal-ħadid fondut
illi biċċirni sew, sakemm qaċċtuni,
kien hemm ixejjer manku tal-ballut!

## 181. ID-DUBBIENA

Id-dubbiena tiftaħar illi darba
naqqret b'saqajha l-ikel tar-reġina;
'mma qatt ma tgħid, la 'l-ħbieb, l-anqas 'l-għedewwa,
kemm kielet u kemm xorbot mil-latrina.

## 182. LIX-XEWK

Għalfejn miksi bix-xewk li bihom tqatta'
il-libsa ta' min jersaq viċin lejk?
Min qatt talbek il-għasel jew id-duwa?
Min qatt talbek il-fjura ta' ħaddejk?

## 183. FRANĠISK U L-LUPU

Meta jiġri xi diżastru fuq il-merħla,
il-lupu jxerred dmugħ daqs ir-raħħal,
kif xerred dak Franġisk meta għall-għarrieda
il-mewt ħatfet il-mara ta' Paskal!

## 184. IL-BILBLU

Il-bilblu qalb is-sħab qiegħed igħanni,
il-bilbla trid tagħmillu xi sinjal
u tgerger: "mhux aħjar flok jisker bl-għana,
jinżel jitma' u jraqqad dawn it-tfal?"

## 185. IL-GARDILL FIX-XIBKA

Meta l-gardill inqabad ġewwa x-xibka,
mhux talli nqabad biss iddispjaċih,
imma għaliex min ħajru lejn ix-xibka
kien gardill ħuh isaffar hemm ferrieħ.

## 186. IL-WERŻIEQ

Il-frott qiegħed isir fis-siġar kollha,
xi ħlew ta' tin, t'għajnaqar u tuffieħ!
u kollox qed isir bit-twerżiq tiegħu,
l-imsejken ta' werżieq hekk minn għalih!

## 187. ID-DIELJA

Issoff l-inbid kull ħin minn ġol-ħamrija,
u tisker ta' kull jum, l-inbid jarmiha
mal-art kieku ma żżommx mal-kannizzata:
tas-sakranazzi int, ja dielja, xbieha.

## 188. ID-DIELJA

Mogħtija għall-frugħat, taħli saħħitha
fil-weraq mingħajr għadd u l-friegħi tiegħu;
mal-art ikollha tkaxkar, għax bla għaqal,
ma tfaddal xejn għaz-zokk biex iżżomm miegħu.

## 189. IL-BRIMBA

Il-Brimba mhix kapaċi sabiex tiġri
u taħdem u titħabat 'l hawn u 'l hemm;
iżda hija ħaddmet moħħha, għamlet xibka,
taqbad lill-proxxmu fiha u ssofflu d-demm.

## 190. L-ILJUN U R-RITRATTI

L-Iljun mar għand il-volpi marid b'għajnu;
"kull m'għandek ġej tal-magna minn l-iskatti,
wara li fliet bir-reqqa qaltlu l-Volpi;
"O Maesta' ħu ftit anqas ritratti!"

## 191. IL-PAGUN

Denbu miġbur sabiħ daqs mant t'għarusa;
miftuħ sabiħ tar-rakkmu daqs tapit;
seħer ta' ġmiel! iżda jekk jiftaħ ħalqu
ħa jsemma' leħnu, ma tidħakx bi ftit!

## 192. IL-PINNUR U L-MITĦNA

Mhux anqas mill-pinnu, kif ikun jaqleb,
il-mitħna ma' kull riħ iddur iddur;
'mma n-nies bla ebda ħaqq ifaħħru l-mitħna,
u jmaqdru u jżebilħu lill-pinnur.

## 193. IT-TAJRA

Eluf ta' snin ilha fis-sema togħla
kull meta t-tfal 'il fuq lilha għollew;
u issa li drat temmen li hija tajra,
mur fehemha li mhijiex tajra tassew!

## 194. IL-BEBBUX

Ma kienx biżżejjed li ġagħluh jitkaxkar,
u li għabbewh ta' daru bit-tagħbija:
ġagħluh ukoll li kull fejn jimxi jkollu
jiżbogħ kull pass biż-żebgħa bajdanija.

## 195. L-ARBLU XWEJJAĦ

L-Arblu xwejjaħ fettillu jrid bandiera,
iddejjaq waħdu qal ma jagħmel xejn;
u żżewweġ lill-bandiera li bdiet tperper
bla serħ mar-riħ sakemm qasmitu tnejn.